Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2082

29.7.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2082

## tas-26 ta' Lulju 2024

## li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1012

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Qarn tal-Afrika.

(2) Fil-21 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1012 ([1]), li ħatret lis-Sa Annette WEBER bħala r-RSUE għall-Qarn tal-Afrika.

(3) Fit-18 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1238 ([2]), li estendiet il-mandat tas-Sa Annette WEBER bħala r-RSUE għall-Qarn tal-Afrika. Il-mandat tar-RSUE ser jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2024.

(4) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' 24 xahar u jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2026.

(5) Ir-RSUE ser timplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1012 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-Sa Annette WEBER hija b'dan maħtura bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Qarn tal-Afrika mill-1 ta' Lulju 2021 sal-31 ta' Awwissu 2022.

Il-mandat tas-Sa Annette WEBER bħala r-RSUE għall-Qarn tal-Afrika huwa estiż sal-31 ta' Awwissu 2024.

Il-mandat tas-Sa Annette WEBER bħala r-RSUE għall-Qarn tal-Afrika huwa estiż sal-31 ta' Awwissu 2026.

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż jew mitmum qabel, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).";

(2) fl-Artikolu 2(4), punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) l-istabbilizzazzjoni tal-Qarn tal-Afrika, b'enfasi fuq dinamiċi reġjonali usa', inkluż fil-livell tal-pajjiż, fejn rilevanti għall-istabbiltà tar-reġjun, b'enfasi partikolari fuq is-Sudan;

(b) il-proċess tal-bini tal-istat fis-Somalja, it-tranżizzjonijiet eż. fis-Sudan t'Isfel, il-paċi u l-implimentazzjoni ta' proċessi ta' ġustizzja tranżizzjonali fl-Etjopja, kif ukoll il-prevenzjoni u t-twissija bikrija ta' konflitti potenzjali bejn jew fi ħdan pajjiżi fir-reġjun, inkluż tilwim transkonfinali, u l-kontribut għar-riżoluzzjoni paċifika tagħhom;";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1012 tal-21 ta' Ġunju 2021 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (ĠU L 222, 22.6.2021, p. 27).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1238 tat-18 ta' Lulju 2022 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1012 (ĠU L 190, 19.7.2022, p. 127).

(3) fl-Artikolu 3(1), punti (c) u (g) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) jaħdem flimkien mal-atturi rilevanti barra r-reġjun, fl-interess li jindirizza kwistjonijiet ta' stabbiltà reġjonali usa', inkluż il-GERD, il-Baħar l-Aħmar, l-Oċean Indjan tal-Punent u t-tranżizzjoni tas-sigurtà fis-Somalja. Il-kuntatti għandhom jinkludu involviment bilaterali ma', kif xieraq, l-Istati Uniti tal-Amerka, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, il-pajjiżi tal-Golf, l-Eġittu, kif ukoll kuntatti reġjonali mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, il-Kunsill tal-Istati Gharab u Afrikani dwar il-Baħar l-Aħmar u l-Golf ta' Aden u atturi internazzjonali rilevanti oħra;";

"(g) ikompli jimmobilizza appoġġ reġjonali u internazzjonali għall-implimentazzjoni tal-ġustizzja tranżizzjonali, inkluż ir-rfigħ ta' responsabbiltà għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem matul il-kunflitt ta' Tigray fl-Etjopja, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u l-missjonijiet tal-Istati Membri. Ir-RSUE għandu jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tal-isforzi għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fil-pajjiż kollu fl-Etjopja, abbażi ta' djalogu inklużiv u trasparenti. Ir-RSUE għandu jagħmel sforzi li jindirizzaw il-konsegwenzi reġjonali tal-kriżijiet multipli fl-Etjopja, inkluż fir-reġjuni ta' Amhara u Oromia;";

(4) fl-Artikolu 5(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2026 għandu jkun ta' EUR 5 098 000.";

(5) fl-Artikolu 14, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapporti ta' progress regolari u rapport komprensiv finali dwar l-implementazzjoni tal-mandat sal-31 ta' Mejju 2026."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

BÓKA J.